MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 248/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Robert David Shaw**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Robert David Shaw talli fil-kwalita` tieghu ta' direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` Anglo Maltese Dispensary Limited (C3001) b'indirizz registrat Drugstore, 382, Triq Manuel Dimech, Sliema, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess socjeta` sabiex thallas il-pagi dovuti, naqas li jhallas sahra u *vacation leave* fl-ammont ta' tliet mija u erbgha u sittin euro u sitta u sebghin centezmu tal-ewro (€364.76) ekwivalenti ghal

mija u sitta u hamsin liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm156.59) dovuti lill-ex impjegata tas-socjeta` hawn fuq imsemmija u cioe` lil Bridgette (Bridget) Calleja, fid-19 ta’ Mejju 2007 meta l-impjieg taghha gie terminat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imsemmi Robert David Shaw ihallas il-penali skond il-ligi, u kif ukoll tordna, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jhallas lill-persuna hawn fuq imsemmija l-ammont ta’ tliet mija erbgha u sittin euro u sitta u sebghin centezmu (€364.76) ekwivalenti ghal mija u sitta u hamsin liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm156.59) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura eccezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament in kwantu jirrigwarda l-ammont dovut bhala *vacation leave* u in kwantu jirrigwarda l-ammont allegatament lliberatu mill-istess imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-4 ta’ Awissu 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) **Tikkonferma** l-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-imsemmi Robert David Shaw mill-istess imputazzjoni stante li in kwantu jirrigwardja l-bqija ta’ l-ammont allegatament dovut bhala *overtime* ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mil-ligi;

(b) **Tirrevokaha** u thassarha f’dik il-parti fejn il-Qorti tal-Magistrati laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni limitatament in kwantu jirrigwarda l-ammont dovut bhala l-*vacation leave* u

(c) **Minflok** tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti erronejament applikat il-perijodu ta' meta s-sena preskrizzjoni kif enuncjat fl-artikolu 47 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jibda jiddekorri. Inoltre r-reat in kwistjoni jitqies bhala reat kontinwat; (2) il-provi juru li l-appellat naqas ihallas lil Bridgitte Calleja l-ammonti dovuti lilha kemm ghas-sahra kif ukoll ghall-*vacation leave*.

Issa, nonostante li, permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-appellant Avukat Generali jsostni illi l-appellat naqas li jhallas lil Bridgitte Calleja l-ammonti dovuti lilha bhala sahra u bhala *vacation leave*, b'mod kontradittorju jitlob konferma tad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-appellat mill-imputazzjoni li ma hallasx is-sahra. Galadaraba t-talba hi hekk formulata, din il-Qorti sejra tilqa' dik it-talba u ma tihux konjizzjoni tal-kwistjoni jekk huwiex dovut xi ammont ghal sahra jew le. Ghalhekk tibqa' l-kwistjoni dwar il-gurnata *vacation leave* li dwarha l-ewwel Qorti ddecidiet li l-azzjoni kienet preskritta.

Skond l-Avukat Generali, l-azzjoni ma kellhiex titqies preskritta u jaghmel referenza ghall-artikolu 47 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"47. (1) Procedimenti ghal reat skond dan l-Att jew skond xi regolamenti jew ordnijiet maghmulin tahtu jistghu jinbdew f'kull zmien fi zmien sena mill-ghemil tar-reat.**

**(2) Fejn ir-reat jirreferi ghan-nuqqas mill-principal li jhallas il-paga lil impjegat jew in-nuqqas li jaghti vaganzi bi hlas kif mehtieg b'dan l-Att jew kif specifikat b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali jew b'ordni biex jirregola settur, ir-reat jitqies li hu reat kontinwat jekk il-principal jkun naqas li jhallas il-pagi dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni."**

Mill-atti jirrizulta li l-impjieg ta’ Bridgitte Calleja gie terminat fid-19 ta’ Mejju 2007. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghar-riferta pprezentata fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2008 quddiem l-ewwel Qorti mnejn jirrizulta li c-citazzjoni giet notifikata lill-appellat fit-2 ta’ Mejju 2008. Filwaqt illi huwa minnu li mill-verbal tal-15 ta’ Lulju 2008 jirrizulta illi l-prosekuzzjoni pprezentat riferta li giet immarkata bhala Dok. AD1, sfortunatament din ir-riferta ma tinsab annessa mkien ma’ l-atti. Pero` ma hemmx kontestazzjoni dwar id-data tan-notifika u ghalhekk sejra tittiehed bhala korretta. Issa, mix-xiehda ta’ Ivan Spiteri Lucas fis-seduta tallum irrizulta li l-gurnata *vacation leave* in kwistjoni kienet tirreferi ghas-sena 2007. Ghalhekk galadarba ma kienx iddekorra l-perijodu ta’ sena mid-data li fiha gie terminat l-impjieg ta’ Bridgitte Calleja sad-data li fiha gie notifikat l-appellat bic-citazzjoni, l-azzjoni f’dar-rigward ma setghetx titqies bhala preskritta.

L-appellat pero` qieghed jikkontesta li hemm xi ammont dovut ghall-*vacation leave*. Fis-seduta tallum stess l-imsemmi Ivan Spiteri Lucas ezamina d-dokumenti IS7, IS9 u IS10, u b’mod partikolari r-rendikont anness mad-Dok. IS10, u minn hemm ikkonkluda li effettivament ma hemm xejn dovut lil Bridgitte Calleja bhala *vacation leave* peress illi l-*leave entitlement* ittiehed kollu in konsiderazzjoni fil-kalkoli tas-socjeta` li kienet timpjega lill-imsemmija Bridgitte Calleja. Konsegwentement m’hemm xejn dovut lil Bridgitte Calleja ghal *vacation leave*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu laqghet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni in kwantu jirrigwarda l-ammont dovut bhala *vacation leave* izda tiddikjara lill-appellat mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu in kwantu jirrigwarda l-*vacation leave* u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------